



Bord ta' Amministrazzjoni

ABBOZZ TAL-BAGĦIT PRELIMINARI 2014

CT/CA-012/2013MT

WERREJ

I. INTRODUZZJONI

A – INTRODUZZJONI ĠENERALI

B – ALLINJAMENT TAL-PREZZIJET U TAL-ISPEJJEŻ

Ċ – DĦUL

D – INFIQ

E – ATTIVITAJIET

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – FARSJA ĠENERALI

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL 2014

IV. DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ 2014

ANNES 1 - TABELLA TAL-PERSUNAL

I. INTRODUZZJONI

A. Introduzzjoni ġenerali

L-abbozz tal-baġit preliminari 2014 jinkludi:

- A. Din l-introduzzjoni ġenerali
- B. Deskrizzjoni tal-ħidma taċ-Ċentru fl-allinjament tal-prezzijiet u tal-ispejjeż għas-sena 2014.
- C. Id-dħul taċ-Ċentru kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003, li jinkludi pagamenti magħmula mill-korpi li ċ-Ċentru jaħdem għalihom, u mill-istituzzjonijiet u l-korpi li magħhom sar qbil dwar kollaborazzjoni bħala kumpens għal xogħol magħmul minnu, inklużi attivitajiet interistituzzjonali, u sussidju Komunitarju. Barra minn hekk, sa mill-2013, għotja mill-Gvern tal-Lussemburgu b'appoġġ għal-lokazzjoni taċ-Ċentru hija inkluża fid-dħul.
- D. L-infiq taċ-Ċentru, imqassam skont it-titolu, u
- E. It-tqassim tal-infiq taċ-Ċentru skont l-attività. Din il-parti turi r-rabta li hemm bejn l-abbozz tal-baġit preliminari 2014 u l-Programm ta' Fidma preliminari 2014, u tidentifika r-riżorsi allokatati għal kull attività biex jinkisbu l-oġettivi strateġiċi taċ-Ċentru, u l-istruttura baġitarja konvenzjonali.

L-ammonti kollha f'dan id-dokument tal-baġit huma fil-munita euro. Il-baġit tal-2013 imsemmi fit-test huwa l-baġit emendatorju 1/2013.

B. Allinjament tal-prezzijiet u l-ispejjeż

Bl-inklużjoni ta' parti tal-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet', il-prezzijiet proposti għall-2014 jibqgħu l-istess bħal fl-2013. Madankollu ser issir analiżi tal-ispejjeż ta' sitt xhur f'Lulju 2013 fil-mument ġust għar-reviżjoni tal-previżjonijiet għall-2014, li għandhom isiru f'Awwissu 2013.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-prezzijiet proviżorji applikabbli fl-2014:

Servizz li għandu jiġi pprovdut	Normali (EUR)	Skedati/Bil-mod (EUR)	Urġenti (EUR)	Urġenti ħafna (EUR)
Traduzzjoni (prezz għal kull paġna)	97.00	87.30	121.25	174.60
Modifika (prezz għal kull paġna)	180.00	162.00	225.00	
Reviżjoni (prezz għal kull paġna)	48.50	43.65	60.63	
Editjar (prezz għal kull paġna)	60.00	54.00	75.00	
Trejdmarks (prezz għal kull paġna)	EUR 41.43 għal 396 066 paġna (arranġament bilaterali)			
Disinji Komunitarji (prezz għal kull terminu)	EUR 5.00			
Listi ta' termini (għal kull terminu)	EUR 5.00			
Standardizzazzjoni, terminoloġija	EUR 900 għal kull persuna kuljum			
Verifika tal-kwalità ex-post għat-traduzzjonijiet tat-trejdmarks	EUR 900 għal kull persuna kuljum (50% tal-ispejjeż totali, arranġament bilaterali)			


Żidiet fit-tariffi

Tip ta' dokument	Spiża addizzjoni għal kull paġna, f'EUR
Format kumpless	15.00
Kunfidenzjali	20.00
Lingwa mhux tal-UE	10.00

C. Dħul

Bħal fis-snin preċedenti, il-klijenti taċ-Ċentru ġew mitluba jipprovdu previżjonijiet għall-abbozz tal-baġit preliminari (PDB). Il-previżjonijiet tal-2014 kienu bbażati fuq il-prezzijiet għall-2013 approvati mill-Bord ta' Tmexxija. Bħas-soltu fir-rigward tal-previżjonijiet għall-PDB, ħafna klijenti ssottolinjaw l-inċertezza tal-previżjonijiet tagħhom.

Id-dħul totali previst għall-2014 huwa ta' EUR 48.3 miljun imqassam kif ġej:




Għotja mill-Gvern tal-Lussemburgu ta' EUR 243 250 b'appoġġ għal-lokazzjoni taċ-Ċentru ddaħħlet bħala dħul fit-Titolu 4, 'Dħul ieħor'.

Fil-baġit preliminari 2014, iċ-Ċentru ttrasferixxa parti mill-fond ta' riżerva stabbiltà fl-2011 għaż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet (EUR 1 092 850) għad-dħul. Sa mill-2012, l-ibbilanċjar tal-abbozz tal-baġits preliminari permezz tal-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet', minflok prezzijiet oġhla wera li huwa tajjeb.

Barra minn hekk, bl-iżvilupp tal-programm tas-CdT elettroniku stmat li ser jimxi b'ritmu mgħaġġel fl-2014, il-baġit jinkludi EUR 1.0 miljun fi dħul li ġej mill-'Fond ta' riżerva għal investimenti eċċezzjonali', kif ippjanat fl-2011. Dan l-ammont jikkorrispondi għall-infiq previst għall-programm fl-2014, irreġistrat fil-Kapitolu 32.

Iċ-ċart ta' hawn taħt tippreżenta d-dħul previst għall-2014 imqabbel mal-baġit 2013 u l-eżitu tal-2012. L-eċċess mis-sena preċedenti u t-trasferimenti mill-fondi ta' riżerva minn snin preċedenti mhumiex inklużi fit-tqabbil.



Id-dħul previst taċ-Ċentru fit-Titoli 1-4 żdied b'1.9% meta mqabbel ma' dak għall-2013 u bi 2.3% fir-rigward tal-2012. Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-previżjonijiet tal-klijenti u l-volumi tat-traduzzjoni hija pprovduta fit-taqsimha E, 'Attivitajiet', hawn taħt.


Tajjeb li jiġi nnotat li matul l-aħħar tliet snin, seba' klijenti ġodda ffirmaw ftehimiet maċ-Ċentru. Naturalment dan l-iżvilupp huwa importanti għaċ-Ċentru peress li l-ordnijiet tal-klijenti ġodda jikkumpensaw għall-ordnijiet imnaqqsa minn xi klijenti stabbiliti.

D. Infiq

L-infiq previst għal Titoli 1-3 żdied bi 3.4% meta mqabbel mal-baġit 2013. L-erba' raġunijiet prinċipali għaż-żieda huma:

- 1) L-iżvilupp taċ-Ċentru għal bini ġdida fl-2013; 2) iż-żieda fl-infiq tal-persunal minħabba l-avvanzi ta' passi biannwali, promozzjonijiet u r-rata għolja ta' postijiet tax-xogħol okkupati fl-2014; 3) l-iżvilupp tal-programm tas-CdT elettroniku; u 4) iż-żieda mistennija fl-esternalizzazzjoni ta' traduzzjonijiet mqabbla mas-snin preċedenti.

L-ispejjeż huma mqassmin kif ġej, inkluż tqabbil mal-baġit 2013 u l-eżitu tal-2012:



Titolu 1, PERSUNAL

Peress li ċ-Ċentru diġà naqqas it-tabella tal-persunal tiegħu bejn l-2011 u l-2013, minn 225 għal 206 postijiet tax-xogħol, in-numru ta' postijiet tax-xogħol fit-tabella tal-persunal 2014 huwa l-istess bħal fl-2013 (jiġifieri 206 postijiet tax-xogħol).

Iż-żieda ta' 2% għat-Titolu 1 mqabbla mal-baġit 2013 hija prinċipalment minħabba l-avvanz ta' pass awtomatiku u biannwali fil-grad, il-promozzjonijiet u l-ħtieġa li jiżiedu l-approprijazzjonijiet għall-allowances għall-familja. Iż-żieda fl-infiq mqabbla mar-riżultati 2012 hija prinċipalment minħabba li t-tabella tal-persunal ma ntlitx fl-2012 (199 persunal fl-aħħar tal-2012).

L-aġġustamenti tas-salarji annwali fl-2011 u l-2012 għadhom mhumiex ċerti. Dan joħloq ukoll inċertezza li tikkonċerna l-aġġustamenti għall-2013 u l-2014. Għaldaqstant, bħal fl-2013, iċ-Ċentru warrab fond ta' riżerva li jinkludi approprijazzjonijiet ekwivalenti għall-effett tal-aġġustamenti 2011-2014 dwar l-infiq tal-persunal għall-2014. Dan l-ammont, EUR 1 087 500, huwa rreġistrat fil-Partita 10005 fit-Titolu 10.

Titolu 2, BINI, APPARAT U INFIQ MIXXELANJU OPERATTIV

Ir-rilokazzjoni taċ-Ċentru fl-2013, is-server room il-ġdida u l-bidu tal-iżvilupp tal-programm CdT elettroniku għandhom impatt kbir fuq l-infiq fit-Titolu 2 fl-2013 u fl-2014.

Il-livell tal-infiq għall-bini huwa mistenni li bejn wiehded u ieħor ikun stabbli mill-2014 'il quddiem. Għandu jiġi nnotat li għadu kmieni wisq biex issir stima preċiża tal-impatt globali fl-2014, għalhekk il-ħlasijiet u nfiq relatati ieħor ser jittejjeb fl-abbozz tal-baġit 2014. Madankollu, l-ewwel stimi jippuntaw lejha żieda fl-infiq għall-biċċa l-kbira tal-partiti relatati mal-bini. L-istima attwali għall-Kapitolu 20 ('Investment fi proprjetà immobbli, kiri ta' bini u spejjeż assoċjati') hija EUR 2 674 400. Din hija 7% ogħla mill-baġit 2013 u 47% ogħla mill-eżitu tal-2012, b'segwitu taċ-ċaqliq u tal-kiri tas-server room il-ġdida li jibdedu fl-2013.

L-appropriazzjonijiet għall-konsulenti tal-IT u servizzi esterni oħra fil qasam tal-IT (Partita 2120) tnaqqsu bi kważi 12% meta mqabbla mal-eżitu tal-2012. Kif spjegat hawn fuq, baġit emendatorju 2013 ieħor ser jinkludi trasferiment ta' appropriazzjonijiet mit-Titolu 2 (b'mod partikolari l-Kapitolu 21, 'L-ipproċessar tad-data') għat-Titolu 3 u l-Kapitolu 32 il-ġdid ('Infiq relatat mal-programm CdT elettroniku') għall-baġit u jispjegaw l-infiq b'mod koerenti. Għalhekk id-differenza bejn l-2013 u l-2014 ser tonqos.

B'kuntrast ta' dan, l-appropriazzjonijiet għax-xiri ta' ħardwer u softwer (Partita 2100) żdiedu b'EUR 380 000 meta mqabbla mar-riżultati tal-2012. Fl-2014, iċ-Ċentru qed jippjana li jissostitwixxi ż-żewġ sistemi ta' back-up tiegħu għal spiża ta' EUR 208 000. Barra minn hekk, il-manutenzjoni u l-ospitar ta' 'e-PRIOR'¹ hija mistennija li tiswa EUR 110 000 matul l-2014, u hemm ukoll baġit ta' EUR 50 000 għal traduzzjonijiet awtomatiċi.

Titolu 3, INFIQ OPERATTIV

L-appropriazzjonijiet għat-Titolu 3 jżdiedu b'9.5% meta mqabbla mar-riżultati tal-2012 u bi 15.0% meta mqabbla mal-baġit 2013. L-ibbaġitjar tal-programm CdT elettroniku f'dan it-titolu huwa fil-biċċa l-kbira, ir-raġuni għal din id-differenza: eskluż dan il-kapitolu, iż-żieda hija 2.7% u 7.8% rispettivament.

Ir-raġuni l-oħra għal din iż-żieda hija li iċ-Ċentru jqis li fl-2014, huwa meħtieġ li jżdied il-proporzjon tad-dokumenti esternalizzati lis-servizzi tat-traduzzjoni esterni.

Matul l-2012, iċ-Ċentru ħadem fuq l-ippjanar u t-tħejjija tal-programm CdT elettroniku. Il-fażi ta' żvilupp hija pplanata li tibda fl-2013 u timxi b'ritmu mgħaġġel fl-2014. Il-programm ser ikun marbut mill-qrib mal-attivitajiet operattivi taċ-Ċentru, u għaldaqstant l-appropriazzjonijiet u l-infiq ġew irreġistrati fit-Titolu 3 (Kapitolu 32). L-appropriazzjonijiet għall-2013 ser jiġu trasferiti mit-Titolu 2 għat-Titolu 3 fil-baġit emendatorju fl-2013.

Titolu 10, FONDI TA' RIŻERVA

Iċ-Ċentru warrab appropriazzjonijiet ekwivalenti għall-effett tal-aġġustamenti tas-salarji 2011-2014 fl-infiq tal-persunal 2014. Dan sar ukoll fil-baġit 2013. L-ammonti EUR 1 087 500 fl-2014 u EUR 760 300 fl-2013 huma rreġistrati fil-Partita 10005 ('Fond ta' Riżerva għaż-żieda miġġielda fis-salarji').

E. Attivitajiet

Iċ-Ċentru identifika erba' attivitajiet: 1) Attività ewlenija: it-traduzzjoni; 2) Attivitajiet ta' appoġġ; 3) Attivitajiet esterni; u 4) Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni. Ir-riżorsi umani u finanzjarji għall-2014 huma allokatu għad-diversi attivitajiet, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. Ir-riżorsi finanzjarji fit-Titoli 1 u 2 huma allokatu abbażi tar-riżorsi umani użati għal kull attività. Dan il-kalkolu jqis id-distribuzzjoni tat-tipi differenti ta' postijiet tax-xogħol u l-gradji differenti, u b'hekk l-ispejjeż tas-salarji. Id-dettalji huma mniżżlin fil-preliminari tal-programm ta' ħidma 2014 taċ-Ċentru.

¹ e-PRIOR hija s-soluzzjoni tal-Akkwist elettroniku żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea.

	% tar-riżorsi umani (persunal)	% tar-riżorsi finanzjarji	Riżorsi finanzjarji
Attività ewlenija: traduzzjoni	64.5%	75.2%	36 346 158
Attivitajiet ta' appoġġ	26.1%	12.8%	6 164 931
Attivitajiet esterni	2.3%	3.4%	1 627 111
Attivitajiet ta' ġestjoni u superviżjoni	7.1%	6.4%	3 120 600
Approprjazzjonijiet fit-Titolu 10, Fondi ta' riżerva, mhux allokatati għal attività		2.2%	1 087 500
Total	100.0%	100.0%	48 346 300

Attività 1: TRADUZZJONI

L-attività ewlenija taċ-Ċentru tikkonsisti fis-servizzi lingwistiċi, essenzjalment it-traduzzjoni, l-emendar, it-tqassim u r-reviżjoni ta' dokumenti, flimkien mat-traduzzjoni tat-trejdmarks u disinji Komunitarji u l-listi tat-termini, f'konformità mal-kriterji ta' kwalità u żmien ta' twassil maqbula (prijorità 1 tal-Istrateġija taċ-Ċentru 2012-2014: nilqgħu l-isfidi).

Din l-attività tuża 64.5% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u tikkonsma 75.2% tal-baġit totali tiegħu, jiġifieri l-ammont totali tal-appropriazzjonijiet tal-Kapitoli 30 u 32 u l-parti tal-appropriazzjonijiet tal-attività fit-Titoli 1 u 2.

It-tabella ta' hawn taft turi n-numru totali ta' paġni previst u l-listi tat-termini għall-2014 u l-2013 u d-dħul previst.

	2014	2013	% 2014-2013
Numru totali ta' paġni previst	683 370	709 972	-3.7%
Numru totali ta' listi ta' termini mbassra	363 120	191 020	+90.1%
Dħul totali previst minn traduzzjonijiet, terminoloġija u listi ta' termini	45 212 700**	44 234 600***	+2.2%

* Fosthom il-listi ta' termini u d-disinji Komunitarji

** Fosthom EUR 1 760 000 li jikkorrispondu għal-listi tat-termini mill-UASI (li ma jinkludux disinji Komunitarji)

*** Fosthom EUR 869 000 li jikkorrispondu għal-listi ta' termini mill-UASI (li ma jinkludux disinji Komunitarji)

Il-previżjoni tal-volum ta' traduzzjoni, f'numri ta' paġni, hija kif ġej:

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	1 701
Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	2 639
Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCCDA)	3 350
Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	39 285
Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	7 160
Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI)	65 520
UASI – Editjar lingwistik	20 305

Trademarks UASI	396 066
Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	1 237
Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)	1 946
Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)	6 102
Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)	633
Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	5 761
Bank Ewropew tal-Investment (BEI)	0
Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	3 864
Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)	52
Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	2 092
Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)	16 036
Aġenzija Ferrovarja Ewropea (ERA)	7 732
Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerk u l-Informazzjoni (ENISA)	1 019
Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	480
Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex)	4 132
Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)	6 599
Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (EACI)	150
Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)	1 134
Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC)	742
Aġenzija Ewropea GNSS (GSA)	273
Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	52
Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	21 020
Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)	1 566
Fużjoni għall-Enerġija (F4E)	515
Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC)	0
Aġenzija Eżekuttiva għan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T EA)	269
Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	360
Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC)	253
Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka (REA)	69
Impriża Konġunta "Clean Sky" (CSJU)	168
Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	1 521
Impriża konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR JU)	314
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)	9 036
Impriża Konġunta ARTEMIS (ARTEMIS JU)	110
Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI JU)	198
Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH JU)	34

Kunsill Konsultattiv Ewropew tal-Inizjattiva tan-Nanoelettronika (ENIAC)	0
Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO)	5 908
Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	410
Awtorità Ewropea tat-Titoli u tas-Swieq (ESMA)	7 420
Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	2 062
Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	0
Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC)	3 579
Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi kbar tal-IT fil-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (Aġenzija tal-IT) *	2 830
Kummissjoni Ewropea	16 200
Parlament Ewropew	0
Kunsill tal-Unjoni Ewropea	6 760
Qorti Ewropea tal-Awdituri	247
Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea	0
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	0
Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	0
Bank Ċentrali Ewropew	970
Ombudsman Ewropew	5 489
Paġni totali	683 370

* Fil-baġit, il-previżjoni għall-Aġenzija IT hija ddikjarata fil-Partita 3000 ('Kummissjoni Ewropea'). Għall-finijiet ta' informazzjoni, il-volum previst huwa muri separatament f'din it-tabella.

Attività 2: AMMINISTRAZZJONI U APPOĠĠ TEKNIKU

Minħabba li jaħdem bħala korp awtonomu tal-UE, iċ-Ċentru għandu jimplimenta xi funzjonijiet ta' appoġġ amministrattiv u tekniku għar-riżorsi umani, l-akkwist pubbliku, il-kontabbiltà preċiża u vijabbli, l-infrastuttura u l-loġistika, u b'mod partikolari jipprovdi kwalunkwe assistenza meħtieġa għall-attivitajiet operattivi ewlenin tiegħu.

L-appoġġ amministrattiv u tekniku taċ-Ċentru juża 26.1% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u jikkonsma 12.8% tal-baġit totali tiegħu, jiġifieri l-parti tal-appropriazzjonijiet tal-attività fit-Titoli 1 u 2.

Attività 3: ATTIVITAJIET ESTERNI

Dawn l-attivitajiet għandhom l-għan li jappoġġaw liċ-Ċentru u l-proċess ta' traduzzjoni tiegħu, prinċipalment permezz tal-komunikazzjoni mal-klijenti taċ-Ċentru u partijiet interessati oħra. Din l-attività hija wkoll relatata mat-tieni missjoni taċ-Ċentru: bħala kontribut għar-razzjonalizzazzjoni tar-riżorsi u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri fil-qasam tat-traduzzjoni Komunitarja permezz ta' kooperazzjoni interistituzzjonali.

Din l-attività tuża 2.3% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u tikkonsma 3.4% tal-baġit totali tiegħu, jiġifieri l-appropriazzjonijiet kollha tal-Kapitolu 31 u l-parti tal-appropriazzjonijiet tal-attività fit-Titoli 1 u 2.

Attività 4: ĠESTJONI U SUPERVIŻJONI

It-tmexxija taċ-Ċentru għandha l-obbligu li tiżgura l-konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u mar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-korpi u l-istituzzjonijiet tal-UE, sabiex jiġu żgurati l-affidabbiltà, il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet tiegħu u l-effikaċja tal-istandards ta' kontroll intern tiegħu, u biex jiġi żgurat ir-rispett lejn is-sistema tiegħu ta' ġestjoni tal-kwalità.

Din l-attività tuża 7.1% tar-riżorsi umani taċ-Ċentru u tikkonsma 6.4% tal-baġit totali tiegħu, jiġifieri l-parti tal-appropriazzjonijiet tal-attività fit-Titoli 1 u 2.

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – FARSJA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Sena finanzjarja 2014	Sena finanzjarja 2013	Sena finanzjarja 2012
	DĦUL			
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI U MILL-KORPI	42 307 200	42 256 000	41 318 887
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	p.m.	0
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	3 585 000	2 727 600	3 400 494
4	DĦUL IEĦOR	363 250	393 250	475 922
5	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	2 090 850	1 386 000	2 973 349
6	RIFUŻJONIJIET	p.m.	p.m.	0
	TOTAL	48 346 300	46 762 850	48 168 652
	INFIQ			
1	PERSUNAL	25 450 000	24 940 500	23 097 555
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV MIXXELLANJU	5 861 600	6 980 600	4 577 799
3	INFIQ OPERATTIV	15 947 200	13 872 000	14 558 933
10	FONDI TA' RIŻERVA	1 087 500	969 750	0
	TOTAL	48 346 300	46 762 850	42 234 287

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL 2014

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz ta' baġit preliminari 2014 (EUR)	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI				
10	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI				
100	Pagamenti mill-aġenziji, l-uffiċċji, l-istituzzjonijiet u l-korpi				L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
1000	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	167 500	210 100	312 168	
1001	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	256 000	256 000	298 083	
1002	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCCDA)	362 300	362 300	711 588	
1003	Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	4 137 500	3 976 900	2 955 437	
1004	Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	700 300	696 800	853 311	
1005	Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI)	7 407 000	7 070 400	3 402 493	
1006	Trademarks UASI	18 284 600	17 690 600	19 206 961	
1007	Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	120 000	120 000	49 443	
1008	Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)	188 800	478 100	759 331	
1009	Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Fajja u tax-Xogħol (Eurofound)	591 900	591 900	733 520	

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz ta' baġit preliminari 2014 (EUR)	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
	<i>Artikolu 1 0 0 – Total</i>	32 215 900	31 453 100	29 282 335	
1 0 1					
1 0 1 0	Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (Cedefop)	61 400	61 400	73 839	
1 0 1 2	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	615 300	872 000	618 773	
1 0 1 4	Bank Ewropew tal-Investment (BEI)	p.m.	p.m.	582	
1 0 1 5	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	408 500	393 000	396 561	
1 0 1 6	Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust)	5 000	5 000	0	
1 0 1 7	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	202 900	141 500	157 072	
1 0 1 8	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA)	1 400 000	1 495 900	2 092 183	
1 0 1 9	Aġenzija Ferrovarja Ewropea (ERA)	750 000	750 000	595 923	
	<i>Artikolu 1 0 1 – Total</i>	3 443 100	3 718 800	3 934 933	
1 0 2					
1 0 2 0	Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerk u l-Infommazzjoni (ENISA)	98 800	20 000	50 761	
1 0 2 1	Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	47 000	68 100	162 150	
1 0 2 2	Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex)	400 800	400 800	404 644	

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz ta' baġit preliminari 2014 (EUR)	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
1 0 2 3	Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)	599 200	709 600	558 223	
1 0 2 4	Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (EACI)	14 600	12 100	15 167	
1 0 2 5	Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)	110 000	110 000	210 003	
1 0 2 6	Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC)	86 500	144 300	56 686	
1 0 2 7	Aġenzija Ewropea GNSS (GSA)	33 100	14 900	7 556	
1 0 2 8	Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	5 000	5 000	9 009	
1 0 2 9	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	2 274 800	2 445 700	4 456 193	Attwalment, l-ebda dħul mill-ospitar tal-proġett tat-'terminoloġija tal-ECHA' ma huwa inkluż f'din il-previżjoni.
	<i>Artikolu 1 0 2 – Total</i>	3 669 800	3 930 500	5 930 392	
1 0 3					
1 0 3 0	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)	151 900	145 000	111 682	
1 0 3 1	Fużjoni għall-Enerġija (F4E)	50 000	50 000	3 730	
1 0 3 2	Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC)	p.m.	p.m.	0	
1 0 3 3	Aġenzija Eżekuttiva għan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T EA)	26 100	26 100	18 240	
1 0 3 4	Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	34 900	63 100	7 469	
1 0 3 5	Aġenzija Ewropea Eżekuttiva tal-Kunsill tar-Riċerka ((ERCEA)	27 100	55 000	5 576	

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz ta' baġit preliminari 2014 (EUR)	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
1 0 3 6	Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka (REA)	8 000	19 000	3 686	
1 0 3 7	Impriża Konġunta "Clean Sky" (CSJU)	16 300	16 300	0	
1 0 3 8	Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	147 500	179 600	299 720	
1 0 3 9	Impriża Konġunta SESAR (SESAR SJU)	27 900	20 000	6 402	
	<i>Artikolu 1 0 3 – Total</i>	489 700	574 100	456 505	
1 0 4					
1 0 4 0	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)	790 300	980 000	950 448	
1 0 4 1	Impriża Konġunta ARTEMIS (ARTEMIS JU)	10 700	10 400	4 074	
1 0 4 2	Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI JU)	19 200	19 200	5 025	
1 0 4 3	Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH JU)	3 300	3 300	0	
1 0 4 4	Impriża Konġunta tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Inizjattiva tan-Nanoelettronika Ewropea (ENIAC)	p.m.	p.m.	0	
1 0 4 5	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO)	475 600	573 100	194 223	
1 0 4 6	Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	33 300	44 600	16 356	
1 0 4 7	Awtorità Ewropea tat-Titoli u tas-Swieq (ESMA)	719 700	748 900	266 777	
1 0 4 8	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	200 000	200 000	194 139	

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz ta' baġit preliminari 2014 (EUR)	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
1 0 4 9	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	p.m.	p.m.	69 294	
	<i>Artikolu 1 0 4 – Total</i>	2 252 100	2 579 500	1 700 336	
1 0 5					
1 0 5 0	Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC)	236 600	p.m.	14 386	
1 0 5 1	Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni Operattiva ta' Sistemi Kbar tal-IT fl-Oqsma tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (Aġenzija tal-IT)	p.m.	p.m.	0	Sal-mument tal-awtonomija finanzjarja tagħha, il-ħidma tal-Aġenzija tal-IT hija prevista u rreġistrata fil-Partita 3000, 'Kummissjoni Ewropea'.
	<i>Artikolu 1 0 5 – Total</i>	236 600	0	14 386	
	KAPITOLU 1 0 - TOTAL	42 307 200	42 256 000	41 318 887	
	Titolu 1 - Total	42 307 200	42 256 000	41 318 887	
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI				
2 0	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI				
2 0 0	<i>Sussidju mill-Kummissjoni</i>				Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
2 0 0 0	Sussidju mill-Kummissjoni				
	<i>Artikolu 2 0 0 – Total</i>	p.m.	p.m.	0	
	KAPITOLU 2 0 - TOTAL	p.m.	p.m.	0	
	Titolu 2 - Total	p.m.	p.m.	0	

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz ta' baġit preliminari 2014 (EUR)	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI				
3 0	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI				
3 0 0	<i>Kooperazzjoni interistituzzjonali</i>				L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
3 0 0 0	Kummissjoni Ewropea – DĠ Impjegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni	1 913 500	1 087 600	1 603 668	Din l-appropriazzjoni tinkludi l-previżjoni mill-Aġenzija IT (Partita 1051), minkejja l-fatt li l-Aġenzija taqa' taħt id-DĠ Affarijiet Interni.
3 0 0 1	Parteċipazzjoni fil-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI)	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 2	Ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali	679 500	749 000	726 612	
3 0 0 3	Parlament Ewropew	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 4	Kunsill tal-Unjoni Ewropea	397 900	215 200	8 744	
3 0 0 5	Qorti Ewropea tal-Awdituri	30 000	50 000	23 938	
3 0 0 6	Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 7	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	p.m.	p.m.	0	
3 0 0 8	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	p.m.	100 000	517 363	
	<i>Artikolu 3 0 0 – Total</i>	3 020 900	2 201 800	2 880 325	

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz ta' baġit preliminari 2014 (EUR)	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
3 0 1					
3 0 1 0	Bank Ċentrali Ewropew	80 300	57 900	16 457	
3 0 1 1	Ombudsman Ewropew	483 800	467 900	503 712	
	<i>Artikolu 3 0 1 – Total</i>	564 100	525 800	520 169	
	KAPITOLU 3 0 - TOTAL	3 585 000	2 727 600	3 400 494	
	Titolu 3 - Total	3 585 000	2 727 600	3 400 494	
4	DĦUL IEĦOR				
4 0	DĦUL IEĦOR				
4 0 0	Imgħaxijiet bankarji				Dan l-artikolu jkopri l-imgħaxijiet li ċ-Ċentru ser jirċievi fil-kontijiet bankarji tiegħu.
4 0 0 0	Imgħaxijiet bankarji	120 000	150 000	472 841	
	<i>Artikolu 4 0 0 – Total</i>	120 000	150 000	472 841	
4 0 1	Pagamenti varji mħallsa lura				Dan l-artikolu jkopri l-pagamenti varji mħallsa lura (telefonati privati, eċċ.).
4 0 1 0	Pagamenti varji mħallsa lura	p.m.	p.m.	3 081	
	<i>Artikolu 4 0 1 – Total</i>	p.m.	p.m.	3 081	
4 0 2	Sussidji oħra				Dan l-artikolu l-ġdid ikopri kwalunkwe sussidju li jista' jirċievi ċ-Ċentru, minbarra sussidji mill-Kummissjoni.

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz ta' baġit preliminari 2014 (EUR)	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
4 0 2 0	Għotja mill-Gvern tal-Lussemburgu	243 250	243 250		Din l-għotja annwali mill-Gvern tal-Lussemburgu hija bħala appoġġ għal-lokazzjoni taċ-Ċentru.
	<i>Artikolu 4 0 2 – Total</i>	243 250	243 250		
	KAPITOLU 4 0 - TOTAL	363 250	393 250	475 922	
	Titolu 4 - Total	363 250	393 250	475 922	
5	EĊĊESS RIPOSTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI				
5 0	EĊĊESS RIPOSTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI				
5 0 0	<i>Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti</i>				
5 0 0 0	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	p.m.	2 973 349	Eċċess riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru tat-22 ta' Diċembru 2003.
	<i>Artikolu 5 0 0 – Total</i>	p.m.	p.m.	2 973 349	
5 0 1	<i>Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti</i>				
5 0 1 0	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għal investimenti eċċezzjonali'	998 000	136 000	0	It-trasferimenti jikkonċernaw il-programm CdT elettroniku li l-iżvilupp għalih huwa ppjanat li jinbeda fl-2013.
5 0 1 5	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal- prezzijiet'	1 092 850			It-trasferimenti mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' jintużaw biex il-prezzijiet jibqgħu stabbli.

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz ta' baġit preliminari 2014 (EUR)	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
5 0 1 6	Trasferiment minn 'Fond ta' riżerva għall-ispejjeż ta' rilokazzjoni'	p.m.	1 250 000		
	<i>Artikolu 5 0 1 - Total</i>	2 090 850	1 386 000	0	
	KAPITOLU 5 0 - TOTAL	2 090 850	1 386 000	2 973 349	
	Titolu 5 - Total	2 090 850	1 386 000	2 973 349	
6	RIFUŻJONIJIET				
6 0	RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI				
6 0 0	<i>Rifużjonijiet lill-klijenti</i>				
6 0 0 0	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	p.m.	0	
	<i>Artikolu 6 0 0 - Total</i>	p.m.	p.m.	0	
	KAPITOLU 6 0 - TOTAL	p.m.	p.m.	0	
	Titolu 6 - Total	p.m.	p.m.	0	
	TOTAL GLOBALI	48 346 300	46 762 850	48 168 652	

IV. DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ 2014

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz tal-Baġit Preliminari 2014	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
1	PERSUNAL				
11	PERSUNAL B'IMPJIEG ATTIV				Peress li ż-żidiet fis-salarji għall-2011 u l-2012 għadhom qed jiġu diskussi, l-impatt ta' dawn iż-żidiet fuq in-nefqa tal-persunal għall-2014 kien irreġistrat f'fond ta' riżerva fil-Partita 10005. Ġiet prevista żieda addizzjonali fis-salarju ta' 1% għal kull sena 2013 u 2014, li hija inkluża wkoll f'dan il-fond ta' riżerva.
110	<i>Persunal b'impjeg attiv</i>				
1 1 0 0	Salarji bażiċi	14 775 200	14 373 500	13 425 119	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u l-persunal temporanju. It-tabella tal-persunal għall-2014 tippredvi 206 membru tal-persunal. Il-baġit jagħti kont għal 204.75 ekwivalenti full-time biex jagħmel tajjeb għal perjodi bejn tliet u sostituzzjoni.
1 1 0 1	Allowances tal-familja	1 440 800	1 320 200	1 311 857	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikoli 62, 67 u 68 tagħhom, u t-Taqsim 1 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowances tal-familja, il-wild dipendenti u l-edukazzjoni għall-uffiċjali u l-persunal temporanju. Matul is-snin, in-numru medju tat-tfal għal kull membru tal-persunal żdied, u b'hekk ikkontribwixxa għaż-żieda fl-appropriazzjonijiet għall-allowances tal-familja.
1 1 0 2	Allowances ta' espatriazzjoni u residenza barranija	2 259 200	2 281 900	2 163 129	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 69 tagħhom, u l-Artikolu 4 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowances tal-espatriazzjoni u r-residenza barranija għall-uffiċjali u l-persunal temporanju.
1 1 0 3	Allowances segretarjali	23 100	28 900	25 530	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowance segretarjali mħallsa lill-uffiċjali u l-persunal temporanju fil-Kategorija AST impjegati bħala tajpisti xorthand jew tajpisti, operaturi tat-telex, tajpsetters, segretarji eżekuttivi jew segretarji ta' prinċipali, li kienu intitolati jirċevuha fix-xahar qabel l-1 ta' Mejju 2004.
	<i>Artikolu 110 - Total</i>	18 498 300	18 004 500	16 925 635	
111	<i>Persunal awżiljarju u persunal lokali</i>				
1 1 1 3	Apprendisti	13 600	13 600	12 164	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat ma' apprendisti, billi pereżempju jiġu żviluppati relazzjonijiet ma' universitajiet.

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz tal-Baġit Preliminari 2014	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
1 1 1 5	Persunal kuntrattwali	1 032 600	1 059 100	614 833	Kondizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 3a u t- <i>Titolu IV</i> tagħhom. Il- <i>ħtieġa</i> stmata għal persunal kuntrattwali matul l-2014 hija 22 post tax-xogħol.
	<i>Artikolu 111 - Total</i>	1 046 200	1 072 700	626 997	
112	Taħriġ professjonali tal-persunal				
1 1 2 0	Taħriġ professjonali tal-persunal	182 500	196 400	140 963	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.
	<i>Artikolu 112 - Total</i>	182 500	196 400	140 963	
113	Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem				
1 1 3 0	Assigurazzjoni kontra l-mard	502 400	488 700	476 001	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 72 tagħhom. Regoli dwar l-assigurazzjoni tal-mard għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem (3.4 % tas-salarju bażiku); il-kontribuzzjoni tal-uffiċjali hija 1.7 % tas-salarju bażiku.
1 1 3 1	Assigurazzjoni kontra aċċidenti u mard minħabba x-xogħol	113 800	110 700	70 244	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 73 tagħhom u l-Artikolu 15 tal-Anness VIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem kontra aċċidenti u mard minħabba x-xogħol (0.77% tas-salarju bażiku). Għandha tiżdied 2% oħra għall-appropriazzjonijiet ikkalkolati b'dan il-mod (tiżdied ir-rata għal 0.7854%) biex tkopri l-infiq li mhuwiex kopert bl-assigurazzjoni (Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal).
1 1 3 2	Assigurazzjoni kontra l-qgħad	152 300	145 400	116 456	Kondizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 28a tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex jiġi assigurat il-persunal temporanju kontra l-qgħad. Ir-rata applikata: 1.62 % tas-salarju bażiku.
1 1 3 3	Kostituzzjoni jew żamma tad-drittijiet tal-pensjoni	p.m.	p.m.	0	Kundizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 42 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti miċ-Ċentru f'isem l-uffiċjali u l-persunal temporanju sabiex jikkostitwixxu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni tagħhom fil-pajjiż tal-oriġni tagħhom.
1 1 3 4	Kontribuzzjoni għall-iskema Komunitarja tal-pensjonijiet	3 608 300	3 515 100	3 332 489	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem taċ-Ċentru għall-iskema Komunitarja tal-pensjonijiet. Il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem hija 23.2% tas-salarju bażiku, inkluż għall-persunal kuntrattwali; il-kontribuzzjoni tal-membri tal-persunal hija 11.6%.
	<i>Artikolu 113 - Total</i>	4 376 800	4 259 900	3 995 190	
114	Allowances u għotjiet varji				

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	Abbozz tal-Baġit Preliminari 2014	Baġit emendatorju 1/2013	Eżitu 2012	Rimarki
1 1 4 0	Allowances għat-twelid ta' tarbija u mewt u għotjiet	1 000	1 000	1 575	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikoli 70, 74 u 75 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri: — appropriazzjonijiet għall-għotjiet għat-twelid ta' tarbija għal ħamest itfal ta' persunal li fil-pajjiż ta' oriġni tiegħu ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni għal din ix-xorta ta' għotja; — f'każ ta' mewt ta' uffiċjal, il-ħlas tar-rimunerazzjoni sħiħa tal-persuna mejta sal-aħħar tat-tielet xahar wara x-xahar li fih seħħet il-mewt u l-ispejjeż tat-trasport tal-mejjet lejn il-pajjiż ta' oriġini tal-uffiċjal. F'każ ta' mewt, l-appropriazzjonijiet korrispondenti ser jiġu trasferiti mill-partita 1100.
1 1 4 1	Spejjeż tal-ivvjaġġar għal-lif annwali	294 000	292 900	258 871	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 8 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar b'rata waħda għall-uffiċjali jew il-persunal temporanju, il-konjuġi u d-dipendenti tagħhom mill-post tal-impjeg tagħhom għall-pajjiż ta' oriġini tagħhom.
